MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Numru 1514/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**LORENZA SIVE LORRAINE MUSCAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lorenza sive Lorraine Muscat nee' Grima ta' 37 sena, bint Laurence u Rosaria nee' Spiteri, imwielda Cospicua fis-27 ta' Gunju 1970, residenti f' 9, Triq il-Ponta, l-Isla, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 263870(M);

Billi giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' Lulju 2007, mexxiet biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kienet taf li kienu falsifikati;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtrat jew irceviet minghand xi persuna, kif ukoll kellha fil-pussess taghha, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kienet taf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li taghmel qligh li jeccedi l-mitt lira (Lm 100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm 1000) ghad-dannu tal-Bank of Valletta plc, uriet dan il-hsieb b'atti esterni u taghat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe uzat mezzi kontra l-ligi, jew ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew inqdiet b'qerq iehor, ingann jew uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew qanqlet tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghta ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 45(1) u 46 tal-Kap. 204 u l-artikoli 41(1) (a), 308, 309 u 310(1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Lorenza sive Lorraine Muscat, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Lorenza sive Lorraine Muscat ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) -il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputata Lorenza sive Lorraine Muscat tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok AG6 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lill-Agent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali biex jaghmel tali distruzzjoni fil-presenza ta' rappresentant tal-Gvernatur tal-Bank Centrali u wara l-Agent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.
Il-Qorti qed taghti lill-imputata Lorenza sive Lorraine Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lill-Agent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 392A (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------